FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDE CIVILI

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 TA' JANNAR 2001

Avviz Nru 2334/97DM

John u Carmen konjugi Busuttil

Vs

Silvio Camilleri u Carmel sive Charles Zammit

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu jew min minnhom, lill-atturi is-somma ta' mitejn tmienja u sittin lira tnejn u tletin centezmu (Lm268.32c) bhala danni minnhom subiti in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara fiz-Zurrieq fil-21 t'Ottubru 1995 meta bhala konsegwenza ta' kollizzjoni bejn il-vettura nru V 2222 misjuqa mill-konvenut Silvio Camilleri u l-vettura nru K-0759 misjuqa mill-konvenut Carmel sive Charles Zammit saret hsara fil-vettura nru H-8741 propjeta tal-atturi u li kienet misjuqa mill-attrici Carmen Busuttil, prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenuti jew min minnhom kienu responsabbli minhabba imprudenza imperizja negligenza u inosservanza tar-regolamenti

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali tas-17 t'Ottubru 1997 u dawk tal- ittra ufficjali presentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazjonijiet rispettivi tal-konvenuti bl-odjerni proceduri,u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-17 t' Ottubru 1997 kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Silvio Camilleri fejn eccepixxa:-

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-avviz ma garax tort u htija tieghu izda gara unikament tort u htija tal-konvenut l-iehor Carmel sive Charles Zammit li waqt li kien qed isuq il-vettura numru K 0759 hareg minn fuq Stop Sign minghajr ma waqaf, bir-risultat li huwa habat mal-gemb tal-vettura numru V 2222 li dak il-hin kienet qed tinsaq mill-esponenti go Blue Grotto Avenue sejjer fid-direzzjoni ta' Hal Kirkop, liema sewqan kien qed isir bl-aktar mod regolari u skond ir-regolamenti tat-traffiku. Bid-daqqa il-vettura tal-esponenti giet imbiotta fuq il-vettura tal-atturi li dak il-hin kienet gejja mid-direzzjoni opposta – dana kollu kif sejjer jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda amont ma huwa dovut in linea ta' danni lill-atturi u ghalhekk it-talbiet taghhom fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat in-nota tal- eccezzjonijiet tal-konvenut Calrmel sive Charles Zammit fejn eccepixxa

1 Illi preliminarjament l-azzjoni ta' l-atturi hija preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

2 Illi kif ser jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh ta' din il-kawza il-konvenut Charles Zammit ma kienx responsabbli ghall-incident imsemmi li fil-fatt sehh unikament minhabba l-imprudenza, l- imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut l-iehor Silvio Camilleri

4. Ghaldaqstant it-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta sentejn sollevata mill-konvenut Zammit, jirrizulta li l-kollizzjoni li kkawzat id-danni kienet grat fil-21 ta Ottubru 1995 u l-preskrizzjoni kienet giet interrotta bl-ittra ufficjali ipprezentata fis-17 ta Ottubru 1997, in segwitu notifikata fis-27 t' Ottubru 1997, bl-avviz ipprezentat granet wara.

Ghaldaqstant tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Fil-meritu, ma saretx kontestazzjoni dwar id-danni mitluba li, fi kwalunkwe kaz jirrizultaw ampjament mid-dokumenti esibiti minn John Busuttil u jammontaw ghas-somma mitluba ta LM268.32.

Inoltre, l-provi dwar ir-responsabilita' jindikaw mill-ewwel illi definitivament kien il-konvenut Zammit li invada il-karreggjata tal-konvenut l-iehor Camilleri, u l-presenza ta xi trukk ipparkeggjati li kien qed jostakolalhu il-vizwali ma sservix bhala skuzanti.

Anzi dan l-ostakolu kien jimponi grad ikbar ta attenzjoni fuq il-konvenut Zammit, li kellhu jaccerta ruhhu li t-triq principali kienet libera ghal kollox mit-traffiku qabel ma pprova jidhol fiha.

Mill-isketch, kif ukoll mid-deposizzjoni ta Carmen Busuttil, jirrizulta li l-konvenut Zammit lanqas ma kien waqaf ghal kollox biex jesplora it-triq principali u kien hareg fl-istess triq ghal distanza konsiderevoli. Jirrizulta ukoll li stante, il-vizwali fit-tul li toffri Blue Grotto Avenue, il-velocita' tal-konvenut Camilleri ma kienetx influwenti fil-habta bejn il-konvenuti.

Oltre dan, il-brake marks tal-konvenut Camilleri jindikaw mhux biss li dan kien qed isuq b'velocita' eccessiva izda ukoll li dan sab quddiemu lill-konvenut l-iehor kif appena ghadda minn fejn it-trukk ipparkeggjat u ma kellux cans li jevitah. Ghalhekk il-velocita' tieghu ma kienetx tinfluwixxi fuq il-habta bejn il-konvenuti, ghalkemm hija l-kawza ukoll tal-habta mal-vettura tal-attur.

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda biss il-kollizzjoni bejn il-vettura tal-konvenut Zammit ma dik tal-atturi Busuttil, issib li z-zewg konvenuti huma responsabbli u l-Qorti qedgha tistabilixxi illi l-kawza principali tal-kollizzjoni kienet in-nuqqas ta attenzjoni tal-konvenut Zammit u qedgha taqsama ir-responsabilita' ghall-kollizzjoni mal-vettura tal-atturi fi grad ta terz (1/3) ghall-konvenut Silvio Camilleri u zewg terzi (2/3) ghall-konvenut Zammit.

Konsegwentement tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut Silvio Camilleri li jhallas lill-atturi is-somma ta LM89.44 u lill-konvenut Zammit ihallas lill-atturi is-somma ta Lm178.88, bl-imghax legali b'effett mis-27 ta Ottubru 1997.

Bl-ispejjes jithallsu in kwantu ghall-terz (1/3) mill-konvenut Silvio Camilleri u zewg terzi (2/3) mill-konvenut Carmel Zammit.

Magt Dr D Montebello B A LLD